# 1 MINUTI

2 GVERN LOKALI TA' XBIEX

3 IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 – 2017

SEDUTA NRU 34 IT-TIENI PARTI

IT-TLIETA 24 ta' MARZU 2015 FIL-4.30 TA' FILGĦAXIJA

## PREŻENTI

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| MATTHEW DIMECH | AGENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV |

## TALBA

IS-SINDKU QAL IT-TALB

## Kuntratt tal-Knis

T Castelletti qal li jekk kien hemm l-opportunita li nużaw żewġ kenniesa u nitilfu is-Sibt, għandna nużaw iż-żewġ kenniesa, u wieħed ma jaħdimx l-Erbgħa u l-ieħor ma jaħdimx is-Sibt. B'hekk inkunu kabbarna is-servizz.
G Muscat qal li ma jaqbilx li fil-festa ma jiknisx. Ma jaqbilx li jieqfu jikinsu fix-xita.
T Castelletti qal li irid jitpatta ix-xogħol ta' meta ma jsirx minħabba ix-xita.
F Roe qal li l-kennies preżenti idum jiknes sa wara nofsinhar.
Is-Sindku qal li l-kuntrattur kien offra servizz b'żewġ kenniesa sa nofsinhar. Is-Sindku qal li kif aħna bħalissa moqdijin. Imma nistgħu inkunu ahjar.
Is-Sindku qal li hu jixtieq aktar kontroll fuq kif qed isir il-knis. Xi ħadd li jara li l-kuntrattur jimxi mal-iskeda. Imma il-*contracts manager* tagħna għandu ħafna mill-ħin tiegħu fl-uffiċju. Is-Sindku propona li jaf persuna min Ta' Xbiex, li jista jgħati servizz ta' sitt xhur għall-prezz ta' *direct order*. Hu semma lil Michael Callejja, resident li joqgħod fil-blokka A1.
Is-Sindku qal li nistgħu intuh *brief*, u niffirmaw fuqu, u ma jitħallasx aktar min *direct order*.
G Muscat qal li ma jaħsibx li hu għaqli li l-*contracts manager* ikun mill-lokal, għax iebsa tgħafas fuq bniedem jekk ikun qed jiżbalja.
Is-Sindku qal li jemmen li meta jkun bniedem mil-lokal għandu aktar namur għall-lokal.

Il-Kunsill qabel li jitkellem mal-kuntrattur. Il-Kunsill ra il-kuntratt u ġie innotat li irid isir knis fil-festi publiċi u li hemm erbgħa toroq li bil-kuntratt iridu jinkinsu darbtejn fil-ġimgħa.
Is-Sindku u l-Kunsill iddiskutew li jġibu kennies żejjed kull nhar ta' Sibt bħala *variance on contract*.
Is-Sindku propona li naħdmu b'żewġ kenniesa mit-Tnejn sal-Gimgħa għall-istess prezz tal-kuntratt, u s-Sibt inġibu kennies wieħed *extra* bi ħlas skond il-kuntratt.
F Roe għandu jikkomunika mal-kuntrattur u ngħidulu kif ħa jaħdem b'żewġ kenniesa mit-Tnejn sal-Gimgħa. Wara li jipjana din u naraw kif immorru, umbgħad naraw ngħatuhx tas-Sibt *extra.* Il-Kunsill qabel.

## Korrispondenza

Is-Sindku tkellem fuq it-tined għal fuq il-bankijiet tal-Marina u kif l-Imsida għadhom kif għamluhom quddiem il-Knisja. Hu jaf bniedem li jista jgħamel dawn il-*canopies* u jkollu l-*maintenance* tagħhom f'idejh u jpatti għal dawn l-ispejjes billi jgħamel riklam fuq l-istess bank. Dan imma kien beża jgħamilom għax semmewlu trid permess mill-MEPA. Is-Sindku qal li tkellem mas-Sindku ta' San Giljan, u tah kuntatt ta persuna oħra li tgħoġbu din l-idea. Dan imma għandu jibda bħala *pilot project* fuq ħmistax-il bank (mill-*Black Pearl* sal-*White Hall Mansions*). Il-kuntrattur talab għaxar snin kuntratt, u s-Sindku qal li dan wisq. Imma qal li f'xahar hu jgħamilom bit-tinda.

T Castelletti propona li l-ewwwel tlett snin ma jħallas xejn, u kull sena iħallas kera aktar għolja. Il-Kunsill qabel li l-pagamenti ikunu kif gej:

Raba' sena – Eur150
Ħames sena – Eur300
Sitt sena – Eur750
U tibqa sejjer bi prezz ta' Eur750 sa għaxar snin.

Is-Sindku qal li l-*Classic Car Club* Malta ha jgħamlu *charity show* għad-dar tal-providenza fi Triq ix-Xatt, f'Mejju. Is-Sindku propona li qed jgħidu, u li tkun taħt il-kappa tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel. Il-Kunsill irid iġib *bins* żejda għal waqt l-attivita.

G Muscat talab li jgħamel intervent dwar suġġerimenti ta' natura urġenti. Il-Kunsill qabel. G Muscat qal li tal-Block D5 ma għandhomx tabella min dak li l-gvern ġie jwaħħal biex tindika l-isem u numru tal-blokka. Is-Sindku propona li ssir mappa li turi l-blocks u bin-numri fuqhom.

- Qal ukoll li Triq Sir Augustus Bartolo, in-naħa t'isfel, fejn qed jirranġaw tlett villel, biex ngħamlu tabella bl'isem tat-triq.
- Isiru reflectors jew cats eyes fic-*central strip* ta' Triq il-Prinċipessa Margerita.
- Biex isir l-isem 'Kunsill Lokali Ta' Xbiex' fuq il-billboard tal-Kunsill u *noticeboard* fejn il-Knisja.

Il-Laqgħa ntemmet. Ħin - 7.30pm

Max Zammit
Sindku

Matthew Dimech
Aġent Segretarju Eżekuttiv